Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 28/2013

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 2972 bejn:-**

**Chris Dimech Debono (ID.458177M)**

**u**

**GlobeGround Malta Limited (C 31426) u llum jisimha Aviaserve Limited**

L-Erbgha, 18 ta' Mejju 2016

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors li ressaq Chris Dimech Debono quddiem it-Tribunal Industrijali fejn allega tkeccija ingusta mill-impjieg tieghu mas-socjeta' ntimata li kien ilu maghha ghal numru ta' snin. Huwa qal li minkejja li dejjem ghamel dmiru fuq il-post tax-xoghol, ghal gharrieda huwa rcieva ittra datata 21 t'Ottubru 2011 fejn gie nfurmat li l-impjieg tieghu gie terminat ghax tlett ijiem qabel, u cioe' fit-18 t'Ottubru huwa kien dahal tard ghax-xoghol u m'ghamilx "punch in". Ir-rikorrent esprima s-sorpriza tieghu ghal din it-tkeccija ghax sostna li huwa kien falla x-xoghol biss f'zewg okkazjonijiet – darba meta kellu jmur l-isptar u darba meta kien jinsab bil-*leave* li kien applika ghalih xi xhur qabel.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' ntimata[1] li permezz taghha ggustifikat it-tkeccija tar-rikorrent. Hija sostniet li l-imgieba tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol kienet wahda li tirrifletti nuqqas ta' rispett u ta' ubbidjenza lejn is-superjuri tieghu. Fil-fatt fil-kors tal-impjieg tieghu huwa kien ircieva diversi ittri ta' twissija gieli minhabba li dahal tard ghax-xoghol jew ghax naqas milli jidhol ghax-xoghol minghajr gustifikazzjoni kif ukoll minhabba nuqqasijiet ohra. Dan apparti okkazjonijiet ohra fejn ir-rikorrent kien gie mwissi verbalment mis-superjuri tieghu. Dawn it-twissijiet kollha gew injorati minnu. Eventwalment fit-18 t'Ottubru 2011 ir-rikorrent rega' naqas milli jirraporta ghax-xoghol fil-hin u dan minghajr gustifikazzjoni. Minhabba f'hekk inharget l-ahhar twissija u ittra ta' terminazzjoni datata 21 t'Ottubru, imma qabel ma rcieva din l-ittra, fit-23 t'Ottubru rega' naqas li jirraporta ghax-xoghol minghajr ma nforma lis-superjuri tieghu.
Rat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tas-16 t' Ottubru 2013 li kkonkludiet hekk:

[1] Fol 15.

*"It-Tribunal Industrijali isib li r-rikorrent Chris Dimech Debono kien licenzjat minn mas-socjeta' ntimata Globe Ground Malta Limited ghal raguni valida u sufficjenti.*

*B'hekk jintemm dan il-Kaz."*

Dan wara li ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. L-akkuza li r-rikorrent kien irraporta ghax-xoghol tard fit-18 t'Ottubru 2011 u ma ppancjax kienet sostanzjalment accettata minnu *ex admissis* minkejja li huwa pprova jiggustifika r-raguni ghal dan;
ii. Il-konsiderazzjoni mportanti hija jekk dan in-nuqqas kienx tali li jimmerita s-sanzjoni estrema tat-tkeccija;
iii. Irrizulta mill-provi li diversi twissijiet moghtija lir-rikorrent kienu dwar attendenza tardiva tieghu fuq il-post tax-xoghol;
iv. It-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li l-promozzjoni li kien ha kienet annullat it-twissijiet precedenti ghax it-twissijiet kienu saru fuq l-agir tieghu mentri l-promozzjoni nghatatlu skont il-hiliet tieghu;
v. Ghar-rigward tad-diversi twissijiet li nghataw lir-rikorrent it-Tribunal irrileva fost ohrajn in-nuqqas ta' koperazzjoni tar-rikorrent meta dan irrifjuta li jidhol ghax-xoghol minkejja l-esigenzi li kienu nqalghu.
vi. In-nuqqasijiet tar-rikorrent, partikolarment in-nuqqas ta' puntwalita' jridu jigu wkoll inwadrati mal-fatt li dan kien jinvolvi possibilta' ta' ttradjar fit-*turnaround* tal-ajruplani li jwassal ghal multi kbar fuq is-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrent appella mid-decizjoni tat-Tribunal. Is-socjeta' ntimata wiegbet[2]. Waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 dehru l-partijiet u d-difensuri taghhom li trattaw il-kaz.

Il-Qorti rat l-atti.

Jigi qabel xejn sottolineat il-fatt li skont is-subinciz (3) tal-artikolu 82 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta ikun hemm dritt ta' appell biss fuq punt ta' ligi. Gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Kenneth Vella vs Seabank Catering Co.Ltd** deciza fit-23 ta' Mejju 2008[3] li:

*"Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula*

---

[2] Fol 16 *et seq*.

[3] Appell Inferjuri Nru 38/2007.

*sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati,.....".*

**L-ewwel aggravju.**

L-appellant jilmenta li l-kummenti tac-*Chairperson* tat-Tribunal fil-parti ntroduttorja tad-decizjoni huma riflessjoni tal-ingustizzja ta' din l-istess decizjoni ghax jitfghu dubju fuq il-genwinita' taghha. Fil-fehma tal-appellant tali dikjarazzjoni tac-*Chairperson* tikkonferma li huwa ma kellux ic-certezza morali sabiex jiddeciedi dwar il-mertu u ghalhekk ma kienx imissu pproceda meta kellu l-opportunita' li jissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni sabiex jitlob kjarifiki li seta' kellu bzonn.

Il-Qorti tqis li l-kuntest tal-osservazzjoni tac-*Chairman* ma kienx dak li qieghed jipprospetta l-appellant. Il-fatt li rrimarka li l-proceduri gew assenjati lilu fi stadju avvanzat meta ma huwa kienx ippartecipa waqt is-smiegh ta' xhieda, ma jinvalidax il-gudizzju tieghu. Din hi sitwazzjoni tipika u regolari f'cirkostanzi fejn ikun hemm tibdil tal-arbitri jew gudikanti kemm minhabba assenjazzjonijiet ta' doveri godda, nuqqas ta' tigdid ta' hatra, rtirar *ecc*. Tali sitwazzjoni ghalkemm mhix idejali m'hijiex sanzjonabbli ghax hija parti mill-process naturali tal-andament tal-kawzi. Fil-kaz odjern ma hemm ebda lment jew prova li l-inkartament tal-kwistjoni tax-xoghol ma jirriflettix fedelment dak li sehh waqt is-seduti, meqjus ukoll li traskrizzjoni hi riproduzzjoni ta' dak li qal kull xhud. Ic-*Chairperson* fil-kwistjoni tax-xoghol odjerna nhatar u nghata l-poteri kollha li ttih il-ligi sabiex jizgura li f'dan il-kaz issir gustizzja skont il-meriti tas-sustanza tal-kaz, u biex bla hsara ghar-regoli ta' gustizzja naturali ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu fuq il-kaz bil-mod li jidhirlu xieraq[4]. Li kieku dan ic-*Chairperson* kellu xi dubju jew incertezza tali dwar il-provi li minhabba fiha ma kienx f'qaghda li jasal ghal gudizzju finali, ma kien hemm xejn x'izommu milli jordna li jisma' xhieda mill-gdid. La dan ma sarx huwa prezunt li din id-diffikulta' li qieghed jallega l-appellant ma tezistix. Effettivament ic-Chairperson ipproceda biex evalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa u ta decizjoni motivata dwar it-talbiet tar-rikorrent u d-difiza tas-socjeta intimata.

Dan l-aggravju hu michud.

**It-tieni aggravju.**

Fil-fehma tal-appellant it-Tribunal kien legalment zbaljat meta kkonkluda illi l-promozzjoni li nghatatlu ma annullatx it-twissijiet precedenti li kien inghata.

Din is-suppozizzjoni tal-appellant m'ghandha ebda bazi legali u lanqas ma hi riflessa f'xi ligi. Fi kwalunkwe kaz, mill-provi rrizulta bhala fatt li s-socjeta' appellata qatt ma qieset dawn it-twissijiet bhala kancellati b'effett tal-promozzjoni. Wahda m'eskludietx lill-ohra. Intqal biss li l-

[4] Art 78 (3) tal-Kap 452.

promozzjoni li nghata l-appellant kienet propju ntiza sabiex taghtih opportunita' jsahhah u jutilizza l-hiliet tieghu. Kien mistenni minnu pero' li huwa jagixxi b'mod responsabbli u jaghti ezempju lil ta' tahtu. Il-fatt li l-appellant inghata l-opportunita' li javvanza fil-karriera m'ghandhiex issa timmilita kontra s-socjeta' appellata. Joseph Cefai, Human Resources Manager mas-socjeta' appellata xehed hekk[5]:

*"Dr.David Camilleri: Nonostante dawn il-warnings ara tikkonfermalix li fl-2010 ha promotion is-Sur Dimech?*

*Xhud: Yes, yes. Ahna m'ghandna ebda ntenzjoni, u din nahseb diga' ghedtha qabel, li bniedem nitterminawh. Dan il-bniedem ahna ttrejnjajnih, investejna l-flus fih, kellu l-potenzjal, tajnih gibda mill-widnejn. Ghamel zmien fejn vera kien sejjer tajjeb, u meta kien sejjer tajjeb kellna l-vacancies ghal promotions u Chris tajnihielu. Pero' I mean dan tajnih promotion ta' imghallem. Issa jekk l-imghallem jibda jonqos mid-dmirijiet tieghu tista' timmagina n-nies ta' tahtu kif ser iharsu lejh. U dan avzajnih darba, darbtejn, tlieta, I mean dan imbaghad hemm limitazzjoni ta' kollox."*

Ghalhekk ma kien ebda raguni sabiex it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni diversa dwar dan il-punt.

Dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tielet aggravju</u>.**

L-appellant jilmenta dwar il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal ghar-rigward tat-twissija li nhargitlu meta huwa ma dahalx ghax xoghol waqt li kien bil-*leave* minkejja li ntalab jaghmel dan mill-Kumpanija minhabba esigenzi urgenti ta' xoghol. L-appellant isostni li meta mpjegat ikollu l-*leave* tieghu approvat, huwa ma jistax jigi kostrett jidhol ix-xoghol waqt dak il-perjodu u addirittura jaqla' *warning* ghax ma jottemprax ruhu.

Ghal kull *buon fini* jigi nnutat li fattwalment mill-atti jirrizulta li l-kwistjoni tal-*leave* dwar l-episodju lamentat mill-appellant zvolga fis-sens li l-appellant kien applika ghall-*leave* ghall-perjodu tal-Milied 2010 u l-ewwel tas-Sena 2011[6] sa minn diversi xhur qabel. Jidher li eventwalment dan gie approvat u l-appellant hareg bil-*leave* izda minhabba li fl-ewwel tas-sena, kif xehed John Gauci ghas-socjeta' ntimata[7], kienu ser jidhlu zewg ajruplani li ma kinux skedati minn qabel, il-Kumpanija appellata kellha bzonn aktar *head loaders*. L-appellant gie nfurmat dwar dan lejliet il-Milied u saru anke arrangamenti biex fl-ewwel tas-sena jirrapporta ghax-xoghol ghal tlett sighat biss matul il-lejl. L-appellant xorta ghamel ta' rasu u ma dahalx

[5] Seduta tal-25 ta' Gunju 2012 a fol 77-78.

[6] Bejn it-18 ta' Dicembru 2010 u l-4 ta' Jannar 2011.

[7] Fol 44 u sussegwentement a fol 86.

xoghol. Ir-reazzjoni tal-appellant turi element qawwi ta' insubordinazzjoni, iktar u iktar meta m'hemmx provi li l-ordni tal-principal kienet irragonevoli. Madankollu, il-principal xorta wera sens qawwi ta' tolleranza u llimita ruhu ghal *warning* biss.

Ir-riferenza li ghamel l-appellant ghal kaz **Melvic Agius vs Maypole (Holdings) Ltd** (kaz numru 2821) tad-9 ta' Gunju 2011, ma tistax tghin l-argument tal-appellant peress li f'dak il-kaz il-principal kien cempel lill-impjegat u ordnalu biex **dak il-hin stess** jidhol ghax-xoghol minkejja li dak il-hin ma kienx possibbli ghalih li jirraporta ghax-xoghol ghaliex kien hareg fuq il-bahar. Meta iktar tard fil-gurnata dahal ghax-xoghol skond l-ahhar roster li kien inghata mill-principali, gie mkecci. Fil-kaz in ezami c-cirkostanzi huma ferm differenti, u b'mod partikolari l-appellant inghata biss twissija bil-miktub u mhux gie mkecci.

Fir-realta' dan l-aggravju ma fihx punti ta' ligi. Fi kwalunkwe kaz, hi prassi accettata li l-*leave* hu dejjem approvat u suggett ghall-esigenzi tas-servizz partikolarment esigenzi li ma jkunux previsti minn zmien qabel. Dan jghodd aktar u aktar ghall-*istaff* li jkollu rwol ta' responsabbilta', bhalma kien l-appellant fil-kariga ta' *(Acting) Head Loader*. L-appellant, tenut kont tan-natura tax-xoghol tieghu jaf tajjeb li jistghu jinqalghu cirkostanzi mprevisti. Sahansitra sa mill-ewwel kuntratt tax-xoghol tieghu esibit in atti[8] kien gie stipulat li *"vacation leave will be granted in accordance to the exigencies of work and as determined by the Company."* Dan meta huwa kien ghadu kemm gie ngaggat mal-Kumpanija appellata bhala *driver/loader* u cioe' qabel ma nghata *promotion*.

Il-pretensjoni tieghu hija ghalhekk infondata u l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal a bazi tal-provi li tressqu quddiemu, huma korretti.

Ghaldaqstant dan l-aggravju hu michud.

**<u>Ir-raba' aggravju</u>.**

L-appellant jilmenta li t-Tribunal injora totalment is-sottomissjonijiet tieghu u fid-decizjoni ma sar ebda accenn ghall-argumenti mressqa minnu.

Il-Qorti tissottolinea li l-fatt li fid-deliberazzjonijiet tieghu Tribunal jew Qorti ma jaghmilx referenza ghal kull prova, argument jew sottomissjoni mressqa quddiemha mill-partijiet ma jwassalx ghal konkluzjoni li dawn ma gewx ikkunsidrati. Kif intqal fil-kaz fl-ismijiet **Feneco Limited vs Pronto Developers Limited** deciz mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012[9]-

*"Jigi osservat li, wara li qorti gudikanti tezamina l-atti processwali kollha, mhijiex obbligata li tindika kollox u taghti spjegazzjoni u gudizzju fuq kollox, imma huwa fid-diskrezzjoni taghha li*

---

[8] Dok GGM 9 – kuntratt datat 31 ta' Jannar 2001 a fol 25.

[9] App Nru 624/07.

*fis-sentenza tindika u tissenjala dak li jidhrilha li hu relevanti u li eventwalment wassalha biex taghti l-gudizzju taghha fuq it-talbiet maghmula.*

Minn dak li jirrizulta mill-atti, il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas da parti tat-Tribunal fl-osservanza tal-principji appena citati. Huwa qies il-provi kollha tal-partijiet mressqa matul il-proceduri, kif ukoll elenka dawk l-aspetti kollha ta' rilevanza li fuqhom giet bazata d-decizjoni. It-tul o meno tad-deliberazzjonijiet huwa rrilevanti.

L-appellant jilmenta mbaghad li t-Tribunal ma setax ragonevolment jasal ghall-konkluzjoni li t-tkeccija tieghu kienet wahda gusta meta hu stess innota li l-appellant ma kienx *serial late comer.* B'daqshekk ma jfissirx li ma kienx hemm ragunijiet li jiggustifikaw li l-appellant jitkecca. Id-decizjoni tat-Tribunal kienet bazata fuq apprezzament tal-assjem tal-provi mressqa fosthom id-diversi twissijiet li nghatawlu dwar l-attendenza tardiva fuq il-post tax-xoghol, in-nuqqas ta' koperazzjoni tieghu meta huwa kien mitlub jidhol xoghol fl-ewwel tas-sena minhabba l-urgenza tax-xoghol u l-effett li n-nuqqasijiet ripetuti tieghu kellhom fuq ir-rapport ta' fiducja bejnu u bejn min ihaddmu. Appell minn decizjoni tat-Tribunal m'ghandhiex isservi biex isir xi apprezzament gdid tal-provi li kull parti tkun ressqet.

Dan l-aggravju hu michud..

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul